# Il-Proġett tal-Umbrella Artistika: Kull deni ħudu b'ġid!

Melvin Calleja

Kif kulħadd żgur li jaf, is-sena l-oħra l-Kummissjoni Żgħażagħ Sagra Familja żanżnet umbrella mill-isbaħ quddiem il-każin waqt il-marċ li sar nhar il-Erbgħa 12 ta' Lulju 2006. Kulħadd feraħ għal dan il-proġett hekk kbir u ambizzjuż. Kulħadd qalilna proset għax ħaġa bħal din qatt ma konna rajna bħala ġewwa l-Kalkara. Kienu ħafna ukoll dawk li kienu xettiċi dwar dan il-proġett, li forsi ħasbu li qatt ma konna ser naslu għalih. Iżda żgur li fis-skiet, fl-għaqda u fl-umiltà li rrenjat fina ż-żgħażagħ tajna risposta lil kulħadd!

Iżda wara proġett hekk kbir kien hemm ħafna u ħafna ħidma kbira. Xogħol ta' disinjar fuq id-drapp, tfassil, tixlil, ħjata, ħidma fuq il-karru, żebgħa u tant affarijiet oħra. Minn hawn ma nistgħux ma nsemmux lill-familja Mifsud u min qiegħ qalbi f'isem is-Soċjetà ngħidilhom grazzi tal-paċenzja u x-xogħol kbir u b' tant reqqa li sar fuq il-karru ta' din l-umbrella. Żgur li kieku ma kienetx id-daqqa t' id li tawna, żgur li konna nsibuha aktar diffiċli sabiex din il-ħolma ssir realtà. Grazzi oħra tmur lil Doris Galea tal-paċenzja li ħadet fil-ħjata li saret fl-ewwel parti ta' dan il-proġett. Hemm ħafna aktar nies li wieħed jista' jsemmi iżda żgur li ninsa lil xi ħadd, u għalhekk nixtieq nirringrazzja lil kull min ta s-sehem tiegħu f'dan il-proġett grandjuż.

Ix-xogħol fuq din l-umbrella beda fis-sena 2004-2005. Infatti kien ippjanet li dan il-proġett kellu jieħu żmien ta' sena biex jitlesta, u fis-sena 2005 kellna narawha miftuħa fil-pjazza tagħna. Minnufih bdejna niġbru xi donazzjonijiet sabiex nifdu dan il-proġett grandjuż u li kien se jiswa eluf ta' liri. Organizzajna bosta attivitajiet sabiex il-fondi jmorru għall-umbrella. Waqt il-laqgħa ġenerali tal-Kummissjoni Żgħażagħ fejn tkellimna dwar dan il-proġett, ġie deċiż sabiex għal darba oħra inkellmu lill-pittur David Borg sabiex joħroħilna disinn ta' din l-umbrella. L-iskop wara din id-deċiżjoni kienet sabiex inkomplu fejn ħallejna bil-proġett tal-imrewħa, li kienet ukoll xogħol ta' l-istess disinjatur.

Bdejna billi fassalna il-bażi tad-drapp il-blu. Qtajna il-biċċiet kollha li kellna bżonn. Wara t-tifsil ta' din il-bażi, kien imiss issa li jinħietu flimkien, proċess li jirrikjedi paċenzja u attenzjoni kbira. Wara li l-bażi tal-umbrella ġiet meħjuta flimkien mall-kappun, bdejna nfasslu u naqtgħu id-disinji ż-żgħar, jiġifieri d-disinji fuq id-drapp l-isfar u l-maroon. Sadanitant ix-xogħol rigward il-ħadid kien miexi ukoll. Infatti l-ewwel li bdejna kien billi niddisinjaw il-karru sabiex naraw kemm għandna bżonn ħadid, kif ser jiffunzjona u ħafna affarijiet oħra, li kollha kienu jirrikjedu paċenzja kbira.

Ix-xogħol fuq id-drapp kompla billi l-ewwel li bdejna kien il-kappun fejn bdejna nfasslu u nxellu fuqu id-disinji. Wara



dan ix-xogħol, il-kappun ingħata lil Doris Galea sabiex tieħu ħsieb il-ħjata tiegħu. Aħna ż-żgħażagħ komplejna nfasslu u nxellu d-disinji l-oħra fuq il-biċċa l-kbira tal-umbrella. Hawn nixtieq li kulħadd japprezza ix-xogħol u s-sagrifiċċju f'kull parti minn dan il-proċess twil, għaliex mhux faċli li fis-Sala Ċentinarja li tinsab fit-tielet sular tas-sede tagħna, mal-art, daqqa fis-sħana tas-Sajf u daqqa fil-kesħa tax-Xitwa, tkun trid taħdem xorta waħda sabiex jitlesta dan il-proġett uniku. Iżda qatt ma qtajna qalbna għaliex konna nafu li qed naħdmu biss għall-festa u sabiex inkomplu ngħollu l-ġieh li bih is-Soċjetà tagħna hija diġà mgħonija. Għaliex irridu nammettu li l-proġetti li ta' kull sena qegħdin inżanżnu jagħmluna kburin, b'mod speċjali meta niftakru li x-xogħol fuqhom qed nagħmluh kollu aħna l-membri ta' din is-Soċjetà, u kollha qegħdin isiru matul festa f'wieħed mill-iżgħar irħula ta' Malta!

Malli tlestiet biċċa oħra mill-bażi tal-umbrella din ukoll ingħatat lil Doris Galea sabiex tkompli il-ħjata fuqha, iżda bħal sajjetta fil-bnazzi, waqt li x-xogħol kien miexi ġmielu kellna aħbar kerha.

Infatti ftit tax-xhur qabel il-festa 2005 il-pittur David Borg infurmana li hu kien weġġa' u b' hekk ma setax jaħdem fuq dan il-proġett u qalilna li sal-festa ma kienx ser ikun lest xejn mix-xogħol minn naħa tiegħu. Din l-aħbar ħasditna ħafna, għaliex konna mimlijin ħeġġa naraw ix-xogħol tagħna tiela' ftit ftit, imbgħad kellna ninsew kollox hekk ħesrem. Iżda kif jgħid il-Malti "kull deni ħudu b'ġid"! Infatti iddeċidejna li dan il-proġett issa jiġi mżanżan matul il-festa 2006 u b'hekk iservi bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-10 snin anniversarju mit-twaqqif tal-Kummissjoni Żgħażagħ Sagra Familja, l-ewwel u l-unika Kummissjoni Żgħażagħ ġewwa l-Kalkara. Żgur li s-Sagra Familja kienet taf x'qegħda tagħmel f'dak il-mument!

B'hekk wara li għaddiet il-festa 2005 komplejna bil-ħeġġa

li kellna qabel fuq dan il-proġett. Beda jingħata xi drapp lill-pittur sabiex jiġu sfumati, filwaqt li komplejna nxellu u nfasslu l-biċċa li kien fadal. Malli tlestiet din il-biċċa wkoll, Melvin Calleja kompla fuq il-ħjata tagħhal. Rigward id-drapp kien fadal xi rqaqat li jħalluk lura fix-xogħol iżda bil-paċenzja kollha komplejna naħdmu.

Il-ħidma fuq il-karru kompliet ukoll, fejn kuljum fil-garaxx tal-familja Mifsud kont tista' tisma ħsejjes tal-welding u *grynder* sabiex ix-xogħol jitlesta' mil-aktar fis possibli. Ta' min hawnhekk inroddu ħajr lil Albert Borg u Mario Vassallo tax-xogħol li għamlu rigward is-disinn ta' dan il-karru. Kif il-karru ġie stabbli, għalkemm kien fadallu xi rqaqat, kulħadd kien fuq ix-xwiek sabiex nipruvaw id-drapp tal-umbrella fuq il-karru. Infatti kif l-aħħar biċċiet ta' drapp inħietu flimkien tlajna lkoll sabiex nippruvawha fuq il-*frame* tagħha. Dan il-proċess ried isir bilfors sabiex tara kif ġej ix-xogħol u fejn trid tirranġa. Hekk kif ġiet imtella' u miftuħa, kienet tidher xi ħaġa impressjonanti u dominanti diġà, avolja mingħajr pittura.

Minn hemm erġajna kulħadd fuq xogħlu sabiex jirranġa fejn hemm bżonn, u min jaqta' l'hawn, min joftoq l' hemm, u min jissega l' hawn u min jissega l'hemm, ir-ritmu tax-xogħol baqa' miexi ġmielu!

Għall-ħabta ta' April 2006 qtajna il-qisien tal-pitturi fuq drapp apposta sabiex b'hekk jingħataw lil David Borg u jpittirhom. Bdejna bl-angli li hemm bejn il-pitturi l-kbar. Dawn l-angli juru erba' virtuwijiet ta' San Ġużepp, jiġifieri is-safa (b'simbolu tal-ġilju), ir-regalità (b'simbolu ta' kuruna), il-patroċinju fuq il-Knisja (b'simbolu ta' knisja) u l-ġustizzja (b'simbolu ta' miżien). F'dan iż-żmien issa bdiet dieħla l-għejja u qattajna diversi ljieli l-bogħod mid-djar tagħna. Iżda konna kuntenti u kburin b'dak li qed nagħmlu. Kien fadal ftit inqas min tliet xhur għall-festa u b'hekk ma stajniex naħlu l-ebda żmien.

Sa nofs Ġunju kien fadlilna żewġ pitturi sabiex jitwaħħlu fuq l-umbrella. Iż-żmien beda dieħel ġmielu u t-tensjoni u l-biżgħa kienet tinħass ukoll, iżda qatt ma qtajna qalbna għax bil-kuraġġ ta' xulxin bqajna naħdmu id f'id. Sadanitant il-karru kien lest minn kollox saħansitra miż-żebgħa.

Minħabba l-pressjoni ta' xogħol li kellu d-disinjatur, l-isfumar kien għadu qas biss beda. L-aħħar tliet ijiem ma jintesew qatt. Niftakar nhar il-Ħadd 9 ta' Lulju 2006 kulħadd kien maqful ġewwa daru jew fil-bar tal-każin sabiex jara il-Finali tat-Tazza tad-Dinja u kif bosta ħarġu barra jdoqqu l-ħornijiet, aħna konna fis-sala, fuq, naħdmu, sabiex inwaħħlu l-aħħar ftit pitturi li kien fadlilna. Għax kif kulħadd jaf, ix-xogħol u s-sodisfazzjon ma jiġux mix-xejn! Kienu tliet ijiem ta' qtiegħ il-qalb. Nhar it-Tlieta 11 ta' Lulju kien imiss l-aħħar pittura x'tiġi mwaħħla u l-aħħar ftit sfumar. Infatti dak il-lejl qattajnieh ilkoll il-każin, eċitati u fuq ix-xwiek nistennew ix-xogħol jitlesta.

Nistgħu ngħidu li x-xogħol ġie fi tmiem dakinhar stess għall-ħabta tas-2.00am. Barra fil-pjazza kien hemm jistenniena iċ-*cherry picker* u l-karru sabiex dak il-lejl stess narmawha. Kienu mumenti sbieħ fejn tara lill-membri partitarji jagħtu d-daqqa t'id tagħhom fis-siegħat ta' bil-lejl sabiex din il-ħolma sseħħ. Min jitla' l' hawn, min fuq iċ-*cherry picker* u min jixabbat mal-ħadid sabiex jitwaħħal id-drapp mal-ħadid, iżda x-xogħol sa sbieħ filgħodu kien kollu lest.

M' hemmx għalfejn ngħid li l-eċitament kien wieħed kbir. Ħafna mistoqsijiet... minjaf kif ser tinfetaħ, kif ser tidher, minjaf x'ser jgħidu n-nies eċċ. Iżda ħaġa kienet ċerta u kellna risposta għaliha. Ix-xogħol sar kollu minna, partitarji tas-Sagra Familja. Sar kollox minn taħt idejna u bis-sagrifiċċju tagħna stess. Kollox sar bil-flus li lkoll ġbarna waqt l-attivitajiet li saru.

Hanwhekk ta' min nagħti deskrizzjoni fil-qosor tal-pitturi li nsibu jdawru din l-umbrella artistika. L-ewwel pittura ngħatat l-isem ta' "Raġel t'Omm Alla", għaliex fiha naraw iż-żwieġ bejn San Ġużepp u l-Madonna, imdawrin bil-Qassis il-Kbir u l-mistednin. It-tien pittura bl-isem "Missier il-Feddej u s-Soċjetà" turi lil San Ġużepp u l-Madonna flimkien mal-bambin Ġesù, kif ukoll figura allegorika żżomm l-arma tas-Soċjetà tagħna. Dan għaliex San Ġużepp kien dak li ħa ħsieb lil Ġesù f'din id-dinja, kif ukoll huwa l-patrun u missier tal-ewwel Soċjetà Mużikali Ġużeppina Kalkariża sa mill-1897.

It-tielet pittura bl-isem ta' "Kap tas-Sagra Familja" turi l-ħidma fid-dar ta' Nażaret, bit-tliet persuni tas-Sagra Familja miġburin taħt l-istess saqaf f'mument normali tal-ħajja ta' kuljum. Ir-raba' u l-aħħar pittura turi l-glorja ta' San Ġużepp u għalhekk issemmiet "Glorja tas-Sema u tal-Kalkara". Fiha naraw lil San Ġużepp tiela' s-sema, eżaltat mit-Trinità Qaddisa, bil-Madonna ma' ġenbu, u bir-raħal tal-Kalkara jidher taħt is-sħab, għax San Ġużepp huwa l-patrun tiegħu. Ta' min jinnota li f'kull pittura jidhru l-persuni tas-Sagra Familja, għaliex ma tista' qatt taqta' lill-Madonna u lil Ġesù mill-ħajja ta' San Ġużepp. Għalhekk għandna għaliex niftaħru li aħna matul kull marċ li nagħmlu infaħħru lil San Ġużepp, mhux biss bil-marċi li nkantaw, iżda wkoll bl-istatwi li nġorru!

Kien għall-ħabta tal-11.00pm ta' nhar l-Erbgħa 12 ta' Lulju 2006 fejn fl-istorja tas-Soċjetà tagħna u fir-raħal tagħna inkitbet paġna oħra importanti. Waqt li l-banda waslet quddiem is-sede tas-Soċjetà, intefa' d-dawl tat-toroq u nxtegħel dawl apposta, b'*sound* mill-aqwa u hekk kif instema' s-*soundtrack* tal-film *Top Gun* bdiet tinfetaħ l-umbrella. Il-ferħ kien enormi. Kulħadd jgħajjat u jċapċap u jkanta u saħansitra xi demgħa ma naqsitx. Hemm ħsadna dak li żrajna! Is-sagrifiċċju kollu li għamilna ġie msarraf f'xi ħaġa inkredibbli. Forsi qatt ma konna naħsbu li aħna kapaċi nagħmlu ċertu affarijiet, iżda le, aħna tajbin daqs u aktar minn ħaddieħor li forsi jippretendi li hu ikbar minna! Kien mument mill-isbaħ li żgur qatt m'hu ser jintesa minn dawk kollha li kienu preżenti f'dik il-lejla. Għax fejn hemm l-għaqda hemm is-saħħa, u fejn hemm l-enerġija jinkisbu riżultati tal-għaġeb!

# L-Erbgħa 12 ta' Lulju 2006...



... jum memorabbli f'qalb kull Ġużeppin ta' veru!